## IL-KELMIET "ĦAMALLU" U "POLIKARJA" FIL-MALTI

Ta' Ġ. GALEA

Dawn iż-żewġ kelmiet spiss jinstemgħu f'ħalq il-Maltin. L-ewwel waħda biex ifissru bniedem goff, bla manieri u ma jafx iġib ruħu; it-tieni kelma jinqdew biha meta jitkellmu dwar xi raġel imqarqaċ, fuq tiegħu u jħobb juri ruħu. "Dak raġel ħamallu"! jew "Dak żagħżugħ polikarja!" tisma' min igħid.

Dawn iż-żewġ termini huma kelmiet barranin li daħlu fil-Malti, l-ewwel waħda mit-Turkija, l-oħra mill-Greċja.

Għal mijiet ta' snin, il-Maltin kellhom ħafna x'jaqsmu ma' dawk iż-żewġ pajjiżi. Fi żmien il-Kavalieri u qabel, il-Maltin u t-Torok kienu jitqabdu kull fejn jiltaqgħu u ħafna kienu jgħaddu xi żmien ilsiera ta' xulxin; imbagħad wara li l-Kavalieri ħallew il-Gżira tagħna, iż-żewġ nazzjonijiet qorbu lejn xulxin u fetħu negozji bejniethom. In-nies tagħna kellhom ukoll kummerċ kbir mal-Greċja, u fi żmien il-qlugħ il-Port tagħna kien mimli bi skejjen Griegi u Torok. Bis-saħħa ta' dawk il-kuntatti u r-relazzjonijiet kummerċjali, dawn iż-żewġ kelmiet daħlu fl-ilsien tagħna.

Dawn iż-żewġ siltiet li ġejjin jixhdu n-nisel tal-kelmiet "Ħamallu" u "Polikarja" u juru li fil-Malti baqgħu bl-istess tifsira li kellhom fl-ilsien oriġinali tagħhom. "... we walked slowly down the steep cobbled incline of the Grand Rue di Pera in Constantinople, crowded and noisy... Levantines and young Turkish civilians... swarming throng of pedestrians, *hamals*, or porters carrying incredible loads of luggage and furniture on their backs...". (*"Victorian Gallery"* by M. Buchanan published by Cassell & Co. Ltd., London 1956 Page 96).

"... a tour of northern Greece. There the men of the mountains, thin, nervous, silent men, were called *Polikars*, "the brave ones". Half patriots, half bandits, these Polikars had fought valiantly...". (*The Fabulous Originals* by Irving Wallace published by Longmans, Green & Co., London and New York, 1955, Page 97).

---

**'DESIDERATA'**

**Kollezzjonist jixtri: Manuskritti; ittri; kotba awtografati; ritratti; films (negativi jew ċine); ilħna rekordjati ("tape recordings"), ta' kittieba Maltin, l-aktar ta' Kittieba tal-Malti.**

**Ikteb lil: A.A.M., 88, Triq Santa Luċija, Valletta, (C. 21300).**



## LISTA KRONOLOĠIKA TAL-POEŻIJI TA' DUN KARM (Psaila)

### Ippubblikati f'Rivisti, Ġurnali u Kotba

**Miġburin minn A. Cremona**

Nagħlqu din il-Lista b'dawn il-Poeżiji li s'issa ma rnexxilniex insibu fejn kienu ippubblikati. Jekk xi ħadd mill-qarrejja jista' jagħtina xi dawl fuq il-pubblikazzjonijiet tagħhom inkunu nafuhulu.

| | Isem tal-Poeżija | Data tal-pubblikazzjoni |
|---|---|---|
| 221. | Acta Catholica | 9/2/1940 |
| 222. | Lil Santa Tereża ta' Ġesù Tarbija | 1/10/1940 |
| 223. | Kwiekeb | 19/10/1940 |
| 224. | Tislima lil Marija Immakulata min-Nies ta' Bormla | 1/9/1941 |
| 225. | Lil Marija Immakulata | 3/2/1942 |
| 226. | Issa Nafu xi Ħaġa — Wara l-Laqgħa fuq il-Fruntiera | 1/7/1942 |
| 227. | Issa l-Waqt — Talba lill-Bambina Marija | 3/9/1942 |
| 228. | Xewqa | 29/10/1942 |
| 229. | Lil Malta | 11/11/1942 |
| 230. | Lil Dun Ġużepp Gonzi fil-Ġublew Tiegħu tal-Fidda | 24/11/1942 |
| 231. | Lil Malta — Wara l-Ġieh tal-G.C. | 4/12/1942 |
| 232. | Lil San Filippu ta' Aġġira | 12/4/1943 |
| 233. | Le Qatt Ma Ninsa | 9/5/1943 |
| 234. | Innu lil San Ġużepp | 8/12/1944 |
| 235. | Pulchra Ut Luna | 8/12/1944 |
| 236. | Lil Sant'Anjeże | 1944 |
| 237. | Għidtilna Kelma | 1944 |
| 238. | Lil Missierna San Pawl | 19/2/1945 |
| 239. | Innu Popolari lil San Ġorġ | 22/3/1945 |
| 240. | Innu lill-Madonna Kewkba tal-Baħar | ——— |
| 241. | Lill-Beata Imelda. Maqlub bil-Malti mil-Latin ta' Mons. Biagio Verghetti | ——— |
| 242. | Innu lil San Lawrenz | ——— |